# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 309/22/1 TA**

**Carmel *sive* Lino Caruana**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Carmelo *sive* Lino Caruana minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet tiegħu marbuta mal-ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq u mal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà, wara li laqgħet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat illi dan mhuwiex każ illi jmissu jiġi

mistħarreġ minnha.

**Daħla**

2. B'kuntratt tal-24 ta' Jannar, 2000 Mark u Marlene Cassar xtraw appartament f'Marsaxlokk mingħand Carmelo *sive* Lino Caruana. Dan il-bejgħ sar bil-garanzija tal-paċifiku pussess. Ġara però, illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju, 2008 u kkonfermata fl-appell fil-25 ta' Ġunju, 2010, fl-ismijiet ***Angelo Incorvaja f'isem Joseph u Mary Vassallo v. Mark Cassar u Marlene Cassar*** (Ċitaz. nru 103/2006), il-Qorti ddikjarat illi Mark u Marlene Cassar ma kellhomx titlu validu fuq parti mill-fond lilhom mibjugħ minn Carmelo *sive* Lino Caruana u għalhekk huma ġew ordnati li jerħu minn idejhom din il-parti.

3. Minħabba din is-sentenza nbdew il-proċeduri, ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** (Rik. Nru. 190/2011/1MCH), fejn fihom Mark u Marlene Cassar talbu illi jiġi ddikjarat li Carmelo *sive* Lino Caruana naqas milli jiggarantixxi l-pussess paċifiku tal-ġid li biegħilhom u li għalhekk għandu jiġi kkundannat iħallas id-danni illi ġarrbu.

4. B'sentenza tas-16 ta' April, 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li din il-kawża xorta setgħet titmexxa kontra Carmel *sive* Lino Caruana u

dan minkejja li huwa ma kienx ġie msejjaħ fil-kawża ***Angelo Incorvaja f'isem Joseph u Mary Vassallo v. Mark Cassar u Marlene Cassar***; filwaqt li b'sentenza finali tat-3 ta' Mejju, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat illi Carmel *sive* Lino Caruana naqas milli jħares il-garanzija tal-pussess paċifiku u kkundannatu jħallas danni lil Mark u Marlene Cassar fl-ammont ta' €36,432.91.

5. Carmel *sive* Lino Caruana appella minn dawn iż-żewġ sentenzi u fost l-aggravji li ġew imressqa minnu, kien hemm wieħed li kellu x'jaqsam mal-ammont ta' danni li ġie likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minħabba l-evizzjoni mill-parti tal-ġid mibjugħ li dwaru nstab li ma kienx hemm titlu tajjeb. F'dan l-aggravju huwa ilmenta mill-fatt li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili straħet għalkollox fuq l-istima magħmula mill-Perit Alan Saliba, li kien ġie maħtur bħala espert ġudizzjarju. Carmel *sive* Lino Caruana argumenta li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kellhiex toqgħod fuq l-istima tal-espert ġudizzarju, liema stima ssejset mill-espert fuq it-*technical hunch* tiegħu; iżda kellha toqgħod fuq fatturi oġġettivi bħalma huma l-prezz tal-akkwist tal-post u l-indiċi ta' inflazzjoni li setgħu jwasslu għar-riżultat aktar xjentifiku u oġġettiv.

6. B'sentenza tas-17 ta' Frar, 2022, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet l-appell billi naqqset l-ammont ta' danni li Carmel *sive* Lino Caruana kellu jħallas lil Mark u Marlene Cassar għall-ksur tal-garanzija tal-paċifiku

pussess, minn wieħed ta' €36,432.91 għal wieħed ta' €31,739.44. Sa fejn rilevanti għall-kawża tal-lum, il-Qorti tal-Appell iddisponiet mill-aggravju ta' Carmel *sive* Lino Caruana dwar l-ammont tad-danni b'dan il-mod:

> *«19. Tassew illi stima ta' valur ta' immobbli hija xi ftit jew wisq soġġettiva, u frankament il-perit tekniku xejn ma għen meta stqarr illi l-istima tiegħu hija riżultat ta' technical hunch. Madankollu hija hunch ta' professjonist fil-qasam, u l-Qorti ma tistax toqgħod fuq hunch tagħha jew ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet flok dik ta' professjonist. Il-perit baqa' tal-istess fehma wkoll wara li sarulu mistoqsijiet għall-eskussjoni u, jekk l-appellant baqa' ma qabilx mal-fehma tal-perit, kellu fakoltà jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali, iżda ma għażilx dik it-triq.*
>
> *20. Lanqas ma jgħid sew l-appellant illi l-perit kellu jqis il-prezz li bih l-atturi xtraw il-proprjetà mingħand il-konvenut: din ma hijiex azzjoni redhibitoria jew æstimatoria u t-telf li ġarrbu l-atturi huwa t-tnaqqis fil-valur tal-ħaġa mixtrija fiż-żmien li ġarrbu l-evizzjoni. L-eżerċizzju li kellu jagħmel il-perit għalhekk huwa li dak li fil-fatt għamel, i.e. li jqabbel kemm kien jiswa l-fond fiż-żmien tal-evizzjoni li kieku l-evizzjoni ma seħħitx, u kemm ġie jiswa wara l-evizzjoni. Korrettement ukoll il-perit qies mhux tant il-kejl tal-parti li minnha seħħet l-evizzjoni meta mqabbla mal-kejl tal-fond sħiħ, iżda wkoll il-konsewgenza li, minħabba t-telf tat-terrazzin, waħda mill-kmamar tas-sodda ma tistax tintuża bħala kamra tas-sodda għax ma għandhiex dawl u arja.*
>
> *21. Il-perit żbalja biss meta, flok qies il-valur fiż-żmien tal-evizzjoni, qies il-valur "b'tal-lum"[1], i.e. ta' dakinhar li għamel l-istima fl-2015 flok ta' meta seħħet l-evizzjoni fl-2010. Il-perit sab illi d-differenza fil-prezz bl-evizzjoni u mingħajr l-evizzjoni hija ta' tnejn u tletin elf euro (€32,000). Meta tqis id-differenzi fil-valuri ta' maisonettes skond il-property prices index (based on advertised prices) pubblikat mill-Bank Ċentrali ta' Malta ssib li l-indiċi għas-sena 2010 kien ta' 171.8 waqt li dak tal-2015 kien ta' 201.3. Il-valur ta' tnejn u tletin elf euro (€32,000) fl-2015 għalhekk jinżel għal sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u sitt euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€27,306.53) fl-2010, meta seħħet l-evizzjoni, differenza ta' erbat elef, sitt mija u tlieta u disgħin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,693.47). Għalhekk il-parti tad-danni relativa għat-tnaqqis fil-valur għandha tonqos b'daqshekk, qabel jiżdiedu l-ispejjeż l-oħra eventwalment likwidati mill-Ewwel Qorti, biex id-danni jonqsu minn sitta u tletin elf, erba' mija u tnejn u tletin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€36,432.91) kif likwidati mill-ewwel qorti għal wieħed u tletin elf, seba' mija u disgħa u tletin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€31,739.44). F'dan is-sens biss għandu jintlaqa' dan l-aggravju.»*

---

[1] Xhieda tal-Perit Tekniku AIĊ Alan Saliba quddiem l-Ewwel Qorti fid-9 ta' Diċembru, 2015, fol. 391.

7. Din is-sentenza ma niżlitx tajjeb ma' Carmel *sive* Lino Caruana u għalhekk fis-**<u>16 ta' Ġunju, 2022</u>**, huwa ressaq rikors kostituzzjonali, fejn allega li minħabba l-mod arbitrarju, soġġettiv u imprevedibbli ta' kif il-Qrati llikwidaw id-danni għall-ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** (Rik. Nru. 190/2011/1MCH), huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq kif imħares bl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u bl-**Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea**, u ksur tal-jedd tiegħu fuq il-proprjetà, kif imħares bl-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**.

8. Fir-rikors tiegħu huwa talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*
>
> *2. Tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt għall-proprjetà skont l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*
>
> *3. Tagħti lir-rikorrent dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xieraq sabiex jiġi kkumpensat għall-ksur soffert minnu tad-drittijiet tiegħu.»*

9. L-Avukat tal-Istat ressaq it-tweġiba tiegħu fid-19 ta' Awwissu, 2022 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi preliminarjament u ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti*

*għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fil-każ odjern stante li fl-isfond tal-fatti mertu ta' din il-kawża, ir-rikorrent kellu għad-disponibbilità tiegħu għodda proċedurali, kemm matul il-mori tas-smigħ tar-Rik. Ġur. 190/2011 Mark Cassar et vs Carmelo sive Lino Caruana u kemm wara d-deċiżjoni tal-istess mogħtija fis-17 ta' Frar 2022, u dan kif ser jiġi trattat fil-mori tal-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jiġi indikat liema subinċiż tal-artikolu 39 u artikoli 6 r-rikorrent qiegħed jilmenta li ġie miksur fil-konfront tiegħu;*

*3. Illi in linea preliminari, ir-rikorrent għandu jindika għall-liema possediment qiegħed jirreferi meta jilmenta li d-dritt protokollari tiegħu għad-tgawdija paċifika tal-proprjetà qiegħed jiġi leż;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin u kif ser jiġi ttrattat fil-morti tal-kawża;*

*5. Illi fattwalment jiġi sottolineat illi:-*

*i. Ir-rikorrent kellu mezzi proċedurali sabiex iressaq id-difiża tiegħu u jġib provi għall-konsiderazzjoni tal-Qorti fil-mori tas-smigħ tar-Rik. Ġur. 190/2011 u dan anke skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ii. Il-Qorti tal-Appell Superjuri kkunsidrat, fis-sentenza inkwistjoni li r-rikorrent kellu l-fakoltà kollha li jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali, xi ħaġa li r-rikorrent naqas li jagħmel:*

*....*

*iii. Illi nonostante dak li jipprova jallega r-rikorrent, u oltre mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-ewwel qorti bi gwadann għar-rikorrent ta' din il-kawża, l-istess Qorti tal-Appell Superjuri kkunsidrat illi l-perit imqabbad eżegwixxa l-kompitu tiegħu skont kif ġie ordnat u li l-istess Qorti strieħet fuq l-għarfien ta' professjonist li bena l-għarfien u l-ħiliet tiegħu mill-esperjenza ta' xogħlu;*

*iv. Illi ssir refernza wkoll għal dak ikkunsidrat mill-Qorti tal-Appell fir-rigward ta' kif saret il-komputazzjoni tal-kumpens:*

*...*

*v. Illi r-rikorrent jittenta jressaq argument matematiku limitat billi jargumenta illi l-kumpens mogħti kien għola mill-valur tal-fond fis-sena 2000 u dan mingħajr ma jikkunsidra r-rata tal-inflazzjoni, il-valur tal-fond fil-ġurnata odjerna, l-effetti tal-iżgumbrament anke fuq il-fond innifsu tar-rikorrenti f'dik il-kawża u n-natura tal-kawża;*

*vi. Illi r-rikorrent jilmenta li l-fatt li ma jeżistux linji gwidi ta' kif jingħata l-kumpens huwa leżiv u dan mingħajr ma kkunsidra illi l-Qorti spjegat b'mod ċar kif waslet għad-deċiżjoni tagħha abbażi tal-mertu tal-każ quddiema u bil-għan li b'hekk issir ġustizzja ma' min safa' vittma f'dak il-każ;*

*vii. Illi jiġi kkunsidrat ukoll illi għalkemm il-qorti ma kinitx marbuta timxi mar-rapport peritali redatt fuq inkarigu tagħha, madankollu tali rapporti u tali riżultanzi ma jiġux skartati b'mod leġġer u dan tenut kont li dawn ir-rapporti jkunu magħmula minn esperti b'għarfien tekniku;*

*6. Illi l-ilment tar-rikorrent għandu jiġi indagat b'mod ħolistiku mil-lenti tal-mod kif topera l-proċedura ċivili u fil-parametri tas-sistema legali nostrana li żviluppat matul is-snin u li tagħti l-fakoltà lill-ġudikant jiddeċiedi l-kawża u jordna l-għotja ta' kumpens xieraq skond il-fatti tal-istess;*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari rigwardanti l-artikolu 6 u 39, l-esponent jeċċepixxi li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt tiegħu sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni konsegwenti tal-mod kif ġie kkomputat il-kumpens fl-atti tar-Rik. Ġur. 190/2011 Mark Cassar et vs Carmelo sive Lino Caruana u wara d-deċiżjoni tal-istess mogħtija fis-17 ta' Frar 2022 u stante li skont ir-rikorrent l-istitut tal-kumpens mhux regolat, u dan kif anke ser jiġi trattat fil-mori tal-kawża;*

*8. Illi b'referenza għall-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni l-esponent jeċċepixxi illi sabiex ir-rikorrent jilmenta mill-ksur ta' dritt proprjetarju tiegħu, l-oġġett inkwistjoni għandu jaqa' fil-parametri ta' possediment ai finijiet tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll;*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkluż l-eċċezzjoni preliminari, u abbażi tal-fatti kif premessi, l-esponent jeċċepixxi illi ma jeżisti l-ebda ksur fundamentali tad-dritt tal-proprjetà tar-rikorrent u dan considerando wkoll li r-rikorrent ġiet ordnat iħallas kumpens abbażi ta' sentenza valida;*

*10. Illi mingħajr l-ebda preġudizzju u b'referenza għat-talba għal rimedju, il-qorti ta' sede kostituzzjonali mhux qorti tat-tielet istanza u din il-Qorti ma għandha tagħti l-ebda rimedju li jaffettwa l-validità u l-effetti tas-sentenza deċiża nhar 17 ta' Frar 2020 u ċjoè d-deċiżjoni tar-Rik. Ġur. 190/2011 Mark Cassar et v. Carmelo sive Lino Caruana;*

*11. Illi tenut kont is-suespost, jeżistu l-estremitajiet sabiex jiġi applikat l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta speċjalment meta wieħed jikkunsidra li kien ir-rikorrent stess li lleda d-drittijiet ta' terzi u li issa ma għandux jinqeda b'dawn il-proċeduri sabiex jagħmel gwadann;*

*12. Salv għall-eċċezzjonijiet oħra bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġaladarba r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijit tal-bniedem u libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.»*

10. B'sentenza mogħtija fit-**<u>22 ta' Marzu, 2023</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċaħdet it-talbiet ta' Carmel *sive* Lino Caruana għal dawn ir-raġunijiet:

*«B'dawn il-proċeduri r-Rikorrenti qed jilmenta li l-ammont ta' €32,400 stmat mill-espert tekniku fir-rapport tiegħu jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni. Dan fuq l-istess raġuni ġa mressqa minnu kemm quddiem l-Ewwel Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnu, u kemm quddiem il-Qorti tal-Appell permezz tat-tieni aggravju, u ċjoè li "drittijiet ċivili u reali ma jistgħux jiġu determinati abbażi ta' "techinical hunch" ċjoè ta' wieħed x'ħass arbitrarjament u mingħajr ebda analiżi oġġettiva, meta fil-fatt jeżistu metodi xjentifiċi ta' valutazzjoni li jibbażaw fuq fatturi oġġettivi bħalma huma l-prezz tal-akkwist u l-indiċi tal-inflazzjoni" (ara premessi 18 u 19).*

*Ir-rikorrent jilmenta li "li kieku l-qrati kellhom jibbażaw ruħhom fuq sempliċi "hunch" ta' espert, ikunu qed imorru manifestament kontra l-prinċipji tal-prevedibbiltá u ċ-ċertezza legali bl-effett li l-parti intimata fil-kawża tkun qed jiġi mċaħħda mili tifforma difiża xierqa u effettiva, u dan bi ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" (ara premessa 22).*

*Ir-rikorrent jilmenta wkoll li l-kumpens kif kalkolat mill-espert tekniku 'imur manfestament kontra l-prinċipju ta' kumpens raġjonevoli' għax jeċċedi l-ammont ta' LM12,000 li huwa l-prezz tal-akkwist tal-fond fl-intier tiegħu kif dikjarat fil-kuntratt tal-24 ta' Jannar 2000. B'hekk ir-Rikorrenti qiegħed jilmenta mill-fatt li huwa "ġie kkundannat iħallas aktar għat-telf ta' parti mill-bejt tal-fond minn dak li huwa kien irċieva mingħand l-intimati [recte: il-Konjuġi Cassar] għall-akkwist tal-fond kollu" (ara premessi 9 sa 11 u 17). B'dan il-mod ir-rikorrenti jinsisti li nħolqot "sproporzjonalità inġusta bejn il-partijiet" li twassal għal vjolazzjoni tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni (ara premessi*

*29 sa 33).*

*...*

*Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-intimat Avukat tal-Istat issolleva n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tar-Rikorrenti, kemm matul il-mori tas-smigħ tar-Rikors Ġuramentat 190/2011 Mark Cassar et vs Carmelo sive Lino Caruana u kemm wara d-deċiżjoni tal-istess mogħtija fis-17 ta' Frar, 2022.*

*F'paragrafu 11 et seq tan-nota tiegħu preżentata fit-28 ta' Frar 2023, l-intimat Avukat tal-Istat speċifika dettaljatament x'kienu dawn ir-rimedji. Huwa ssottometta li fil-kawża 190/2011 ir-Rikorrenti kellu ċ-ċans li jressaq kwalunkwe prova neċessarja sabiex jillimita d-dannu li seta' ġie akkollat lilu fil-każ li l-Qorti ma tiddeċidix favurih, kif hekk ġara. Il-minimu li seta' għamel hu li jressaq rapport ex parte jew provi fattwali oħrajn biex isostni t-teżi tiegħu. Dan il-punt għandu rilevanza peress li ai termini tal-artikolu 681 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta "il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha". Għalhekk il-produzzjoni ta' provi mill-parti jservu sabiex eventwalment tkun tista' tikkonvinċi lill-Qorti biex tasal għal konklużjonijiet differenti minn dawk raġġunti mill-perit tagħha. Ir-rikorrent f'dawk il-proċeduri lanqas ma prevalixxa ruħu mill-proċedura stabbilita fl-artikolu 673 et seq. tal-Kap. 12, jiġifieri li jitlob il-ħatra ta' periti perizjuri. Dan minkejja li kien tant ċert mit-teżi tiegħu li kellu jiġi applikat bħala kumpens il-prezz dikjarat fil-kuntratt t'akkwist tal-24 ta' Jannar tas-sena 2000. Jiġifieri kif wieħed jista' jara l-liġi tipprovdi diversi għoddod proċedurali li bihom setgħet tkun kontestata d-deċiżjoni tal-Perit inkarigat mill-Qorti, għoddod li r-rikorrent għażel li ma jutilizzax.*

*L-Avukat tal-Istat jissottometti wkoll li r-rikorrenti lanqas ma irrikorra għar-rimedju ta' ritrattazzjoni kif kellu l-opportunità li jagħmel, minkejja li l-ilment tiegħu huwa bbażat fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi. L-Intimat Avukat tal-Istat jissottometti ulterjorment li lanqas biss inhu magħruf jekk ir-rikorrent effettwax il-ħlas dovut lill-konjuġi Cassar skont kif hekk ordnat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-17 ta' Frar 2022.*

*Il-Qorti taqbel pjenement ma' dak sottomess mill-Intimat Avukat tal-Istat.*

*Ġie kemm il-darba ribadit li, "L-għan ewlieni ta` proċediment ta` natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa li l-persuna illi tkun qed iġarrab ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha tingħata rimedju effettiv u mingħajr dewmien. Hija ġurisprudenza stabbilita illi, anke jekk proċediment kostituzzjonali huwa intiż biex ikun straordinarju, ċittadin li jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu m`għandux ikun obbligat ifittex rimedju ordinarju, jekk ir-rimedju li jista` jingħata ma jkunx effettiv sabiex jindirizza l-ilment tiegħu." (Gerald Camilleri et v. Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2019).*

*Iżda b'din l-azzjoni kif minnu istitwita fuq ksur tal-artikolu 39 talKostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-ewwel Artikolu Protokollari tal-istess Konvenzjoni, ir-Rikorrenti mhux qed jilmenta li bata xi tiġrib bil-mod kif stabbilit il-QEBD fil-ġurisprudenza tagħha fuq dawn l-artikoli (ara kunsiderazzjonijiet legali supra). B'din l-azzjoni r-Rikorrenti sempliċiment qed jilmenta fuq il-mod kif il-Perit tekniku maħtur mill-Qorti kkalkula l-kumpens minnu dovut lill-konjuġi Cassar, liema kalkolu ġie, fin-nuqqas ta' opinjoni oħra minn espert indipendenti, applikat mill-Qorti tal-ewwel Istanza bil-mod ikkunsidrat minnha fis-Sentenza tat-3 ta' Mejju 2016 u sussegwentement mill-Qorti tat-tieni istanza bil-mod minnha spjegat fis-sentenza tas-17 ta' Frar 2022.*

*Tabilħaqq, b'din l-azzjoni r-Rikorrenti mhux qed jilmenta li ġie b'xi mod prekluż mill-opportunità li jikkontesta b'mod effettiv ir-rapport tal-espert tekniku maħtur mill-Qorti, jew milli jattendi għall-eżamijiet u kontro-eżamijiet tiegħu jew magħmula minnu jew li jintwera lilu d-dokumenti li l-istess espert ħa in konsiderazzjoni.*

*Ir-rikorrent lanqas ma hu qed jilmenta fuq nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit tan-newtralità u l-indipendenza fil-mod kif l-espert maħtur mill-Qorti wettaq il-funzjoni tiegħu u fil-mod kif il-Qorti tal-ewwel u mbagħad tat-tieni istanza evalwat l-opinjoni tiegħu, tant li ġew b'xi mod imxekkla l-prinċipji ġenerali tal-audi alteram partem u tal-equality of arms. Il-Qorti tfakkar li l-garanziji għal smigħ xieraq ma jfissrux garanzija ta' riżultat favorevoli jew kif jixtiequ l-indivdwu. Huwa pjuttost marbut mal-ħtieġa ta' regoli proċedurali li jħarsu dan id-dritt. Issa kif rajna s-sistema tagħna tipprovdi diversi garanziji f'dan ir-rigward li r-rikorrent għażel li ma jużax. Huwa ukoll interessanti l-prinċipju li " The Court's sole task in connection with Article 6 is to examine applications alleging that the domestic courts have failed to observe "specific procedural safeguards" laid down in that Article or that "the conduct of the proceedings as a whole did not guarantee the applicant a fair hearing" (De Tommaso v. Italy [GC], 2017, § 171).*

*Irid jingħad ukoll li l-kumpens raġġunt mill-espert tekniku lanqas biss jikkonferixxi fuq ir-Rikorrenti titolu għal dawk il-"possedimenti" protetti fl-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni skont kif stabbiliet il-QEBD fil-ġurisprudenza tagħha (ara kunsiderazzjonijiet legali supra).*

*Ir-raġunamenti kollha fuq imsemmija jwasslu lil din il-Qorti għall-konklużjoni li l-azzjoni li qed tkun esperita f'dawn il-proċeduri ma hijiex waħda ta' natura Kostituzzjonali u/jew Konvenzjonali, iżda ta' natura purament ċivili li setgħet u kellha tiġi indirizzata mir-rikorrent bl-eżawriment ta' dawk ir-rimedji u salvagwardji ordinarji li kienu disponibbli għalih fil-Kawża ċivili fuq imsemmija.*

*Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimat Avukat tal-Istat u tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-*

*Liġijiet ta' Malta.»*

11. Carmel *sive* Lino Caruana appella minn din is-sentenza, b'rikors imressaq fl-**10 ta' April, 2023** u talab biex din tiġi mħassra u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa. Saħaq li l-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ l-ilmenti kostituzzjonali tiegħu għaliex huwa għamel minn kollox biex jikkontesta l-konklużjonijiet tal-Perit Alan Saliba fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** (Rik. Nru. 190/2011/1MCH). Jgħid għalhekk li din il-kawża kostituzzjonali hija l-unika triq li fadallu biex jikseb ġustizzja.

12. L-Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell fil-**25 ta' April, 2023** u ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Inżamm smigħ fil-15 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Dak li hija mitluba tiddeċiedi din il-Qorti f'dan l-appell huwa jekk l-appellant Caruana għandux jitħalla juża din l-azzjoni kostituzzjonali biex jattakka l-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** (Rik. Nru. 190/2011/1MCH), fejn għandu x'jaqsam mal-ammont

ta' danni li huwa ġie kkundannat iħallas lil Mark u Marlene Cassar talli naqas milli jħares il-garanzija tal-paċifiku pussess b'rabta mal-post li kien biegħilhom.

15. L-Ewwel Qorti qatgħetha li hija għandha tiċħad l-istedina tal-appellant Caruana biex tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha għaliex: (i) l-appellant Caruana ngħata kull opportunità li jressaq il-provi kollha li ried biex jikkontrasta u jillimita t-talba għad-danni marbuta mal-ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess; (ii) li huwa seta' jitlob għall-ħatra ta' esperti addizzjonali jekk kemm-il darba ma kienx qed jaqbel mal-istima magħmula mill-Perit Alan Saliba; (iii) li l-jedd ta' smigħ xieraq mhuwiex marbut mar-riżultat fil-mertu; (iv) li l-kumpens iffissat mill-espert tekniku mhuwiex meqjus bħala possediment għall-għanijiet tal-**ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**; u (v) li l-azzjoni mressqa mill-appellant Caruana ma kinitx waħda ta' bixra kostituzzjonali iżda waħda ta' bixra purament ċivili.

16. Illi fl-aggravju waħdieni tiegħu kontra din is-sentenza, l-appellant Caruana jargumenta li huwa ressaq biżżejjed provi fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** (Rik. Nru. 190/2011/1MCH) biex imeri l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert ġudizzjarju, fosthom ix-xhieda tal-Perit Chris Cachia. Jgħid ukoll li huwa ma setax jitlob għall-ħatra ta' esperti addizzjonali għaliex mhuwiex l-iskop

ta' perizja perizjuri li tistħarreġ l-istima tal-espert tekniku oriġinali. Minbarra hekk, huwa jżid li ma kellux flus biex iħallas aktar esperti.

17. Itenni li l-ammont ta' €31,739.44, li ġie likwidat mill-Qorti tal-Appell bħala danni favur Mark u Marlene Cassar, talli batew evizzjoni minn parti mill-ġid mibjugħ, huwa wieħed eċċessiv meta wieħed iqis li fis-sena 2000 huma xtraw il-post kollu b'valur ta' €27,952.48. Jagħlaq billi jsostni li huwa għandu kull jedd li jitlob għall-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tiegħu skont l-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** u li f'kull każ, ir-regola tan-nuqqas ta' użu tar-rimedji ordinarji fl-**Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** hija waħda flessibbli li ma tapplikax b'mod awtomatiku.

18. Mix-xaqliba l-oħra, l-Avukat tal-Istat jgħid li l-appellant Caruana ma jistax juża din il-kawża kostituzzjonali biex jipprova jikseb appell ġdid mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** (Rik. Nru. 190/2011/1MCH). Jisħaq li l-appellant Caruana kellu l-opportunitajiet kollha biex iressaq kull prova li ried dwar id-danni. Jgħid ukoll li l-appellant seta' jitlob illi jinħatru esperti addizzjonali bħala prova biex iwaqqgħu l-istima tal-espert tekniku iżda huwa għażel li ma jinqediex b'dan ir-rimedju. Isemmi wkoll ir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Għalhekk jikkonkludi li l-Ewwel Qorti mxiet sew meta ċaħdet l-istedina tal-appellant Caruana biex tkompli din il-kawża.

19. Din il-Qorti titlaq billi tosserva illi l-***provisos*** għall-**Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għall-**Artikolu 4(2)** tal-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea**, jgħidu illi l-Qorti tista', jekk tqis li jkun hekk desiderabbli li tagħmel, illi tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha, f'kull każ meta hija tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.

20. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, dawn il-*provisos* kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et***).

21. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-Qrati Kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti

Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Settembru, 2007, ***Olaf Cini v. Ir-Repubbblika ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015, u ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju ***A & J Hili ta' Miema Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005).

22. Minkejja dan kollu, huwa mistenni li din ir-regola m'għandhiex tintuża superfiċjalment biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilitajiet tagħha milli tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali. F'dan is-sens, l-appellant Camilleri jgħid sew illi din ir-regola, li wieħed għandu l-ewwel ifittex li jinqeda bir-rimedji ordinarji kollha qabel ma jdur għall-azzjoni kostituzzjonali, mhijiex regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika.

23. Meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Ir-rimedju ordinarju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara ***Tonio***

***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991, u ***Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). Biex ir-rimedju jitqies bħala wieħed effettiv, m'hemmx għalfejn li jintwera li dak ir-rimedju jkun wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit. Biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi wżat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014).

24. Il-Qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed.

25. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u ***Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019). Hekk ukoll ir-rikorrent m'għandux jiġi mċaħħad milli jinqeda bir-rimedju kostituzzjonali jekk jintwera li l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda ta' fula f'qargħa (ara ***Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2003, ***John Mattei et v. L-***

***Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022).

26. Illi meta wieħed jorbot dawn il-prinċipji legali man-natura tal-ilment kostituzzjonali mressaq mill-appellant Camilleri, joħroġ bil-wisq evidenti li dan il-każ huwa xbiha ċara fejn huwa desiderabbli li bit-tħaddim tal-*provisos* fuq imsemmija, Qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali għandha toqgħod lura milli teżerċita s-setgħat tagħha.

27. Huwa bil-wisq ovvju li l-istima tal-espert ġudizzjarju kellha tiġi attakkata mill-appellant Camilleri bil-mezz ta' talba għall-ħatra ta' esperti addizzjonali skont l-**Artikolu 674 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u mhux bil-mezz ta' kawża kostituzzjonali.

28. Għalxejn li l-appellant Camilleri qagħad jikteb paġni sħaħ fir-rikors kostituzzjonali u fis-sottomissjonijiet tiegħu biex jikkritika l-istima tal-espert ġudizzjarju l-Perit Alan Saliba. Huwa faċli ħafna li l-appellant Camilleri, wara li ħareġ tellief mill-kawża ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana***, joqgħod jikkritika lill-qrati ċivili talli qagħdu fuq l-istima tal-espert ġudizzjarju. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li l-appellant Camilleri għażel li jiftaħ din il-kawża kostituzzjonali biss kontra l-Avukat tal-Istat u mhux kontra min kien parti f'dawk il-proċeduri

ċivili. Din il-Qorti tabilħaqq ma tistax timmaġina kif din il-Qorti tista' f'din il-kawża kostituzzjonali tbiddel l-ammonti ta' danni li ġew likwidati mill-Qorti tal-Appell favur Mark u Marlene Cassar mingħajr ma' dawn ikunu parti f'din il-kawża. Mill-perspettiva tal-**Artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** kien fl-interess tal-appellant stess li jdaħħal lil Mark u Marlene Cassar f'din il-kawża jekk huwa jrid li s-sentenza f'din il-kawża tiġi torbot u tgħodd għalihom ukoll.

29. F'kull każ, jekk l-appellant Camilleri tassew kien jemmen li l-espert ġudizzjarju (il-Perit Alan Saliba) mar falza stikka fl-istima tiegħu, kulma kellu jagħmel huwa li jitlob li jinħatru tliet esperti oħra u mhux jitlob lill-Qorti Kostituzzjonali biex tagħmillha ta' Perit hi u tiddeċiedi hi jekk l-istima tal-espert ġudizzjarju kinitx waħda li tista' toqgħod fuqha jew le.

30. L-appellant Camilleri iżda jgħid fl-appell tiegħu li huwa ma talabx għall-ħatra ta' esperti addizzjonali għaliex dawn ma setgħux jirrevedu l-istima tal-Perit Alan Saliba.

31. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-argument tal-appellant Camilleri ma huwa xejn ħlief tentattiv fqir ħafna biex huwa jipprova jgħatti x-xemx bl-għarbiel. Għalkemm huwa minnu li l-esperti addizzjonali ma jistgħux iħassru jew jemendaw ir-rapport tal-espert oriġinali, madankollu ladarba l-esperti addizzjonali jridu jagħmlu r-rapport separat tagħhom, wieħed

imbagħad ikun jista' jagħmel il-paragun tiegħu bejn ir-rapport tat-tliet esperti addizzjonali mar-rapport tal-espert oriġinali.

32. Fil-kuntest tal-lum, jekk l-appellant Camilleri kien verament daqshekk konvint li r-rapport tal-espert ġudizzjarju l-Perit Alan Saliba kien daqshekk ħażin, allura huwa seta' jinqeda bil-karta tal-esperti addizzjonali biex dawn joħorġu rapport li jwaqqgħu r-rapport oriġinali tiegħu.

33. L-appellant Camilleri iżda għażel li ma jinqediex b'din l-għodda proċedurali u ta' dan huwa għandu jbati l-konsegwenzi. Kif inhuwa magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, parti f'kawża ma tistax tilmenta mill-fatt li l-Qrati Ċivili jkunu qagħdu fuq l-opinjoni teknika tal-espert ġudizzjarju mqabbad minnhom, jekk dik il-parti tkun naqset milli tinqeda mill-jedd tagħha li titlob għall-ħatra ta' esperti addizzjonali (ara ***FS Engineering and Plastic Limited v. Branko Radojevic et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2023 u ***Steel Projects Limited v. Avantgarde Projects Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022).

34. Bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***David Brincat et v. Francis Sammut et*** maqtugħa fis-17 ta' Frar, 2022:

> *«Huwa risaput li min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-Qorti, għandu rimedju, dak li jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali. Min ma jagħmilx użu mill-mezzi legali disponibbli sabiex jikkontrasta rapport tal-perit tal-Qorti, ma jistax imbagħad jippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, sempliċement peress li parti ma taqbilx miegħu, aktar u aktar fejn dak ir-rapport ikun ta' natura teknika.»*

35. Mhijiex siewja għalhekk is-sottomissjoni tal-appellant Camilleri li huwa għamel minn kollox biex jipprova jwaqqa' l-istima tal-espert ġudizzjarju, qabel ma fetaħ din il-kawża kostituzzjonali. Bil-maqlub ta' dak imtenni minnu, huwa naqas milli jinqeda bl-aktar għodda proċedurali qawwija li seta' juża biex jiskredita r-rapport tal-espert ġudizzjarju, jiġifieri, dik tal-ħatra tal-esperti addizzjonali.

36. F'din il-qagħda, l-appellat ma jistax jistkenn fl-argument li huwa ma kellux flus biex iħallas għall-ħatra ta' esperti ġudizzjarji. Dan għaliex huwa la ressaq prova fl-atti ta' din il-kawża dwar in-nuqqas ta' mezzi finanzjarji tiegħu u lanqas ma wera li fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana*** huwa qatt kien fi bżonn li jkun megħjun minn avukati tal-għajnuna legali. Safrattant għalkemm l-appellant Camilleri qed jgħid li huwa ma kellux flus biex jinħatru l-esperti addizzjonali, huwa però xorta sab mezz biex iħallas l-appell fil-proċeduri ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana***, sab mod biex iħallas għall-ftuħ ta' din il-kawża kostituzzjonali u saħanistra biex anke jressaq dan l-appell.

37. Minn kif qed taraha din il-Qorti, l-appellant Camilleri ma talabx għall-ħatra tal-esperti addizzjonali, mhux għaliex huwa tassew ma kellux flejjes biex dawn jiġu maħtura, iżda għaliex x'aktarx huwa ma riedx jonfoq

flus fuq dawn l-esperti addizzjonali, bir-riskju li dawn l-esperti addizzjonali kellhom mnejn joħorġu stima li tkun bħal dik tal-espert oriġinali jekk mhux aktar għolja minn tiegħu.

38. Jiġi b'hekk, li jħambaq kemm iħambaq l-appellant Camilleri, fl-appell tiegħu, li l-istima tal-espert ġudizzjarju saret biss fuq it-*technical hunch* tiegħu, huwa ma jistax jippretendi li din il-Qorti Kostituzzjonali għandha tqis l-ilment tiegħu dwar il-fatt li l-qrati ċivili qagħdu fuq din l-istima tiegħu, ġaladarba huwa għażel li ma jiħux ir-riskju li jitlob il-ħatra tal-esperti addizzjonali biex dawn forsi jwaqqgħu l-istima tal-espert oriġinali.

39. L-appellant Camilleri ma jistax għalhekk jeħodha daqshekk bi kbira talli l-Qorti tal-Appell qagħdet fuq it-*technical hunch* tal-espert ġudizzjarju. Bl-istess mod huwa ma jistax jistagħġeb talli l-Qorti tal-Appell qalet hekk fis-sentenza tagħha:

> *«Tassew illi stima ta' valur ta' immobbli hija xi ftit jew wisq soġġettiva, u frankament il-perit tekniku xejn ma għen meta stqarr illi l-istima tiegħu hija riżultat ta' technical hunch. Madankollu hija hunch ta' professjonist fil-qasam, u l-Qorti ma tistax toqgħod fuq hunch tagħha jew ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet flok dik ta' professjonist. Il-perit baqa' tal-istess fehma wkoll wara li sarulu mistoqsijiet għall-eskussjoni u, jekk l-appellant baqa' ma qabilx mal-fehma tal-perit, kellu fakoltà jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali, iżda ma għażilx dik it-triq.»*

40. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tqis ukoll li hija ma tistax tħalli li din il-kawża sservi bħala forma ta' appell minn sentenzi mogħtija minn Qrati

oħrajn u li sal-lum joħolqu ġudikat. Xogħol din il-Qorti huwa dak li tara jekk, mill-mod ta' kif tmexxa l-każ tal-appellant, ġiex imħares il-jedd tiegħu li jingħata proċess xieraq quddiem qorti li kellha s-setgħa li tisma' u taqta' l-każ tiegħu, u li dan ikun sar bl-għoti tal-garanziji kollha li jressaq jew jiddefendi kif imiss il-każ tiegħu.

41. Huwa stabbilit li bil-kliem '*smigħ xieraq*' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabbiliti fil-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni Ewropea**. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet din il-kawża, mhuwiex dak li tagħmilha ta' Qorti ta' Appell fuq il-qrati ta' kompetenza ċivili, li quddiemhom instema' l-każ tal-appellant u li taw is-sentenzi li minnhom qiegħed jilmenta. Tassew, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni**, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilmenta l-appellant Camilleri qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom.

42. Kif sewwa tenniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Joseph Bellizzi et v. Awtorità Marittima ta' Malta et*** deċiża fis-27 ta' Frar, 2009, mhuwiex l-irwol u lanqas il-funzjoni ta' qorti mogħnija b'kompetenza konvenzjonali li toqgħod tirrevedi allegati żbalji mwettqa minn xi qrati oħra. Dan għaliex inkella hija tkun qiegħda taġixxi bħala qorti tat-tielet jew ir-raba' istanza (ara ***Nazzareno Muscat et v. Avukat Ġenerali***, Qorti

Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju, 2010). Għaldaqstant tali qorti għandha tistħarreġ u tara biss jekk fil-każ partikolari jirriżultalhiex xi ksur ta' xi dritt fundamentali (ara ***Valfracht Maritime Co. Ltd. v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru, 2006).

43. Il-ġuristi ***Jacobs, White & Ovey***, spiss ċitati mill-Qrati tagħna, jiktbu hekk f'paġna 243 tal-opra tagħhom, ***The European Convention on Human Rights*** (il-ħames edizzjoni):

> *«The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6.»*

44. Dan il-prinċipju ġie mtenni bosta drabi anke mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem f'applikazzjonijiet imressqa kontra Malta. Hekk pereżempju fil-każ ***Nicholas Richard Debono v. Malta*** deċiż fl-10 ta' Ġunju, 2004, intqal li:

> *«The Court reiterates that, according to Article 19 of the Convention, its duty is to ensure the observance of the engagements undertaken by the Contracting Parties to the Convention. In particular, it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (**García Ruiz v. Spain** [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I).»*

45. Tassew dak li qed jitlob l-appellant b'dawn il-proċeduri huwa li jitneħħa l-allegat '*żball*' imwettaq mill-Qorti tal-Appell meta din ikkundannatu jħallas ammont ta' danni aktar minn dak li huwa kien qiegħed jippretendi illi għandu jħallas. Fi kliem ieħor, l-appellant jixtieq li jkollu opportunità ġdida biex jipperswadi lil din il-Qorti li huwa kellu jiġi kkundannat iħallas ammont inferjuri.

46. Din il-Qorti, bi qbil mal-ġurisprudenza u mad-duttrina fuq il-materja, ma tarax li tali opportunità ġdida ta' rivalutazzjoni tal-provi tista' ssir permezz ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***St. Paul's Court Limited v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża fl-20 ta' Diċembru, 2000:

> *«Din il-Qorti tqis dan l-appell għal kollox insostenibbli u ġuridikament sospett proprju għaliex dikjaratament jittanta jagħti lil din il-Qorti Kosituzzjonali funzjoni ta' tribunal ta' kassazzjoni. Tribunal li fl-ordinament ġuridiku Malti ma hemmx loku u bl-ebda mod ma hu rikonoxxut. Inoltre l-appellant fl-aggravju tiegħu jittanta jwessa' l-funzjonijiet ta' din il-Qorti bħala garanti tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu billi jissuġerixxi illi hi kellha l-funzjoni li tikkoreġi l-"iżbalji" tal-qrati ordinarji u dana lil hinn minn dawk il-parametri stretti li skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali ta' individwu u senjatament il-jedd għal smigħ xieraq. Hu ċar illi kieku din il-Qorti kellha tissokkombi għat-tentazzjoni li kellha xi dritt jew funzjoni li tiddetermina jekk il-qrati ordinarji kinux segwew ir-regoli tal-proċedura li jiggvernaw il-proċess u fejn dan jirriżulta ikun "ifisser mill-ewwel u awtomatikament li hemm leżjoni", tkun qed tarroga għaliha nfisha funzjoni ġurisdizzjonali li ċertament ma kellhiex. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti kienet limitata biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni tal-jedd fundamentali kif allegat imma dan biss f'riċerka ta' jekk kienux jew le jirriżultaw l-elementi kostituttivi tal-leżjoni nfisha kif speċifikati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja u kif interpretati fil-ġurisprudenza in materja. Hu allura manifestament skorrett*

> *ġuridikament li jiġi asserit illi kull vjolazzjoni tar-regoli tal-proċedura, anke jekk ta' ċerta rilevanza, neċessarjament kellha tirriżulta f'leżjoni tal-jedd fondamentali. Dan indubbjament mhux il-każ.»*

47. Ifisser dan kollu, illi proċeduri kostituzzjonali m'għandhomx jitħallew ikunu mezz ta' appell ulterjuri dwar il-"*korrettezza*" ta' sentenzi mogħtija minn qrati ta' kompetenza ordinarja.

48. Kemm hu hekk, dan l-aħħar il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Marks and Charles Limited et v. Avukat Ġenerali*** deċiża fit-12 ta' Frar, 2018 tenniet li qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ma tistax tinbidel f'qorti ta' appell tat-tielet grad, b'dana li jseħħ ksur tal-jedd tal-prinċipju taċ-ċertezza legali jekk kemm-il darba tali qorti tqis il-kwistjoni bħallikieku kienet qorti ta' appell ulterjuri flok qorti ta' reviżjoni ta' kostituzzjonalità. Sewwasew f'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex din marret kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali meta ħolqot hija stess dubju dwar il-finalità tar-*res iudicata*.

49. Biex issaħħaħ il-fehma tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet riferenza għal ***Agrokompleks v. L-Ukrajna***, deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Ottubru, 2011 (rikors nru 23465/2003):

> *«The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds*

*for re-examination.»*

50. Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, l-appellant ma jistax jippretendi li bit-tħaddim tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, din il-Qorti għandha toqgħod terġa' tidħol biex tixtarr il-proċess ċivili u tara jekk l-ammont li ġie likwidat mill-Qorti tal-Appell kienx wieħed korrett jew le. L-apprezzament tal-provi ntemm darba għal dejjem bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u l-appellant Camilleri ma jistax jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jerġa' jiftaħ beraħ il-każ ċivili.

51. Il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali u mhux biex tistħarreġ jekk il-qrati ordinarji ddeċidewx b'mod tajjeb il-każ li kellhom quddiemhom. F'dan il-każ huwa ċar anke bil-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors kostituzzjonali, li l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti sabiex hija tidħol fil-mertu fattwali tal-każ li ġie finalment maqtugħ mill-Qorti tal-Appell.

52. L-argumenti kollha mressqa mill-appellant dwar l-istima tal-espert ġudizzjarju ġew mistħarrġa mill-Qorti tal-Appell. Mhux il-każ għalhekk li dawn l-argumenti għandhom jerġgħu jiġu trattati f'din il-kawża taħt l-iskuża ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq.

53. Sa fejn imbagħad l-appellant qed jilmenta dwar ksur tal-jedd tal-proprjetà għaliex skontu huwa ġie kkundannat iħallas ammont ta' danni aktar milli jmissu, din il-Qorti tqis li l-Istat Malti fl-ebda waqt tal-kawża ċivili ***Mark Cassar u Marlene Cassar v. Carmelo sive Lino Caruana***, ma ħa xi proprjetà tal-appellant Camilleri jew b'xi mod fixklu fit-tgawdija ta' ġidu. Tassew imbilli kien hemm pendenti proċeduri ġudizzjarji għall-ħlas ta' danni minħabba ksur tal-garanzija tal-paċifiku pusses ma jfissirx b'daqshekk li l-Istat ħa kontroll fuq ħwejġu. Wara kollox, il-ġid li dwaru saret il-kawża lanqas biss kien għadu tiegħu għaliex kien biegħu żmien qabel.

54. Huwa minnu dak li l-Istat għandu obbligi pożittivi taħt il-**Konvenzjoni Ewropea** wkoll fejn jolqot relazzjonijiet bejn individwi privati (ara ***Kotov v. Ir-Russja****,* Grand Chamber tat-3 ta' April 2012 u ***Zolotas v. Il-Greċja***, QEDB tad-29 ta' Jannar, 2013). Madankollu n-natura u l-grad tal-obbligi pożittivi tal-Istat ivarjaw skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

55. Ingħad kemm-il darba li l-**ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll** ma jistax jiġi interpretat bħala li jimponi dmir ġenerali fuq l-Istati li jħallsu d-djun ta' persuni privati (ara ***Shestakov v. Ir-Russja***, QEDB tat-18 ta' Ġunju, 2002). Hekk pereżempju, f'***Anokhin v. Ir-Russja***, QEDB tal-31 ta' Mejju, 2007 ġie mtenni li:

*«When the debtor is a private actor, the position is different since the*

> *<u>State is not, as a general rule, directly liable for debts of private actors and its obligations under these Convention provisions are limited to providing the necessary assistance to the creditor in the enforcement of the respective court awards</u>, for example, through a bailiff service or bankruptcy procedures (see, for example, Shestakov v. Russia (dec.), no. 48757/99, 18 June 2002; Krivonogova v. Russia (dec.), no. 74694/01, 1 April 2004; and Kesyan v. Russia, no. 36496/02, 19 October 2006). Thus, when the authorities are obliged to act in order to enforce a judgment and they fail to do so, their inactivity may, in certain circumstances, engage the State's responsibility on the ground of Article 6 § 1 of the Convention and Article 1 of Protocol No. 1 (see Scollo v. Italy, judgment of 28 September 1995, Series A no. 315-C, § 44, and Fuklev v. Ukraine, no. 71186/01, § 84, 7 June 2005). The Court's task in such cases is to examine whether measures applied by the authorities were adequate and sufficient and whether they acted diligently in order to assist a creditor in execution of a judgment (see Fociac v. Romania, no. 2577/02, § 70, 3 February 2005, and Fuklev, cited above, § 84).»*

56. Qalet sew għalhekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha li l-istima tal-espert tekniku ma tistax titqies bħala sura ta' possediment li huwa mħares fl-**ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** għaliex kif ingħad l-Istat mhuwiex responsabbli bħala regola għad-djun taċ-ċittadini privati.

57. F'kull każ, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt waħdu li l-Qrati Maltin illikwidaw ħlas ta' danni aktar milli kien qed jistenna li kellu jħallas l-appellant Camilleri, ma jfissirx b'daqshekk li l-Istat Malti naqas mill-obbligi pożittivi tiegħu.

58. L-obbligu pożittiv min-naħa tal-Istat intlaħaq u ġie mwettaq billi ġie provdut qafas legali u qafas ġudizzjarju li permezz tiegħu l-appellant Camilleri seta' jikkontesta l-kawża għad-danni miġjuba kontrih. L-

**Artikolu 1413 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi x'inhuma r-rimedji li bil-liġi huma mogħtija lix-xerrej f'każ ta' ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess, jiġifieri: (i) ir-radd tal-prezz; (ii) ir-radd tal-frottijiet, meta x-xerrej ikun ġie obbligat iroddhom lis-sid li jkun ħa lura l-ħaġa; (iii) l-ispejjeż kollha ġudizzjarji, fosthom dawk li jkun għamel biex jgħarraf bil-kawża lill-awtur tiegħu; u (iv) il-ħlas tal-ħsara, kif ukoll l-ispejjeż leġittimi tal-kuntratt u kull ħlas leġittimu ieħor li jkollu x'jaqsam mal-bejgħ.

59. B'żieda ma' dan skont l-**Artikolu 1415 tal-Kodiċi Ċivili**, jekk, fiż-żmien tal-evizzjoni, il-ħaġa mibjugħa tkun saret tiswa iżjed, ukoll jekk dan ma jkunx ġara b'għemil ix-xerrej, il-bejjiegħ għandu jħallas lix-xerrej is-somma li tkun taqbeż il-prezz tal-bejgħ.

60. Għalhekk l-appellant Camilleri kien jaf fuq liema rjus ta' danni huwa seta' jiġi kkundannat talli naqas milli jħares il-garanzija tal-paċifiku pussess.

61. Issa jekk l-appellant Camilleri weħel danni aktar milli stenna, dan mhux tort tal-Istat iżda tort tiegħu għaliex ma rnexxilux jipperswadi lill-qrati ċivili, li huwa kien ħaqqu jħallas inqas, fosthom billi naqas milli jitlob għall-ħatra ta' esperti addizzjonali.

62. Fl-aħħar nett, il-Qorti sejra tqis dak il-parti tal-aggravju fejn l-

appellant Camilleri għoġbu jżeffen fin-nofs ukoll l-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**, artikolu dan li qatt ma kien jifforma parti mir-rikors kostituzzjonali.

63. Kif intqal mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi ***Lay Lay Co. Ltd v. Malta*** tat-23 ta' Lulju, 2013, u ***Martin Dimech v. Malta*** tat-2 ta' April, 2015:

> *«it is reiterated that the effectiveness of a remedy within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant (see **Sürmeli v. Germany** [GC], no. 75529/01, § 98, ECHR 2006-VII). The mere fact that an applicant's claim fails is not in itself sufficient to render the remedy ineffective (see **Amann v. Switzerland**, [GC], no. 27798/95, §§ 88-89, ECHR 2002-II).»*

64. Dak li jiswa huwa li fil-proċeduri ċivili, l-appellant Camilleri kellu kull opportunità li jressaq il-provi kollha li ried. Kellu wkoll il-fakoltà li jitlob il-ħatra tal-esperti addizzjonali, fakoltà din iżda li huwa stess għażel li ma jinqediex biha.

65. Issa mbilli l-Qorti tal-Appell ma tatux raġun fl-ilment tiegħu dwar l-istima tal-espert ġudizzjarju ma jfissirx b'daqshekk li l-appellant Camilleri ma kellux rimedju effettiv taħt il-liġi domestika biex iressaq il-każ tiegħu. Li kieku l-appellant issodisfa lill-Qorti tal-Appell huwa seta' jikseb ir-riżultat mixtieq minnu. Fis-sewwa l-appellant ma kellux eżitu pożittiv għaliex il-Qorti tal-Appell ma tatux raġun fil-mertu u mhux għaliex ma setax iressaq il-każ tiegħu.

66. Jiġi b'hekk, li anke dan il-parti tal-ilment mhuwiex wieħed mistħoqq u għandu jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Carmelo *sive* Lino Caruana, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Joseph R. Micallef
Aġent President

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm